MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2009

Numru 564/2002

PULIZIJA
SPETTUR A. MALLIA
VS
GEOFFREY FENECH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Geoffrey Fenech, ta’ 37 sena, iben Carmelo u Carmela nee’ Attard, imwieled il-Marsa, fl-14 ta’ Novembru 1965, residenti Nru. 46, Triq Simpson, Marsa u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 556165(M).

Illi huwa akkuzat talli fit-23 ta’ April 2000 ghal habta ta’ 8.15p.m. gewwa l-Belt Valletta:

a) B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAC 483 tal-marka Peugeot u kkaguna l-

mewt ta' Raymond Gerada minn B'Kara u dan bi ksur ta' l-Artikolu 225 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Brincat u George Frendo, it-tnejn mill-Marsa, skond kif verbalment iccertifikati minn Dr. Casalletto M.D. u Dr. Adrian Marchett M.D. rispettivament ta' l-Isptar San Luqa u dan bi ksur ta' l-Artikolu 226 (1) (a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAC 483 tal-marka Peugeot 306 b'manjiera perikoluza u traskurata u b'giri aktar milli jmissu u dan bi ksur ta' l-Artikoli 15 (1) (a) (2), 18 (2) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta u Sezzjoni 127 tar-regolamenti tat-traffiku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal tad-29 ta' Novembru 2006 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat in-nota ta' osservazzjoni tal-prosekuzzjoni tas-27 ta' Mejju 2008;

Rat in-nota ta' osservazzjoni tad-difiza tat-18 ta' Dicembru 2008;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi sehhet kollizzjoni awtomobilistika fid-data, lok u hin, citata fl-akkuza bejn Raymond Gerada li kien isuq Metro li kien gej mill-Furjana ghal Belt u l-imputat li kien isuq Peugeot li kien hiereg mill-Mandragg u li kien tiela' lejn il-Furjana.

PS 57 Raymond Caruana kkonferma l-posizzjoni tal-karozzi wara l-impatt kif jidhru fil-pjanta redatta mill-Perit Richard Aquilina, fil-process verbal a fol.49

**PS 57 ikkonferma li l-karozza Peugoet misjuqa mill-imputat sehhet fil-*blind corner* fi Triq l-Assedju l-Kbir u li l-Peugoet qabzet il-linja tan-nofs u baqghet diehla fuq il-Metro b'konsegwenzi totali ghal Gerada.**

Il-Perit Richard Aquilina ezebixxa u kkonferma okkorrenza Dok.RC a fol.16 et. seq.

Pauline Gerada, (fol.22 sa 26), mart il-vittma ta' l-incident, a fol.20 et. seq., xehedet illi hija u r-ragel taghha kienu taw *lift* lil habib tar-ragel taghha u li kien joqghod il-Belt. Kif kienu nezlin in-nizla ta' l-Excelsior, fil-liwja ta' wara l-*bar* ta' Reggie Cini, rat karozza gejja ghal fuqhom. **Din il-karozza kienet gejja b'velocita' qawwija, qassmet il-korregjata u giet ghal fuqhom**. Pauline Gerada xehedet illi bl-impatt ir-ragel taghha ntilef minn sensieh u kellhom johorguh minn Ufficjali tal-Protezzjoni Civili mill-karozza u ttiehed l-ITU l-Isptar bl-ambulanza u miet l-ghada filghodu fis-sitta (6:00a.m.). Pauline Gerada xehedet illi kellha tifla ta' tlettax (13)-il sena u ohra ta' sitt (6) snin. (ara fol.28)

Perit Richard Aquilina kkonferma r-relazzjoni tieghu (a fol. 44 et seq. tal-process verbal)

Dr. Veronica Aquilina kkonfermat ir-relazzjoni Dok.VA (fol.55 tal-process verbal).

A fol.10, J. Zammit, ikkonferma r-relazzjoni tieghu.

PC 453 Brian Cassar ikkonferma Dok. BC (a fol.15 tal-process verbal).

Dr. Salfraz Ali (a fol.33) ikkonferma il-*post mortem report* Dok.MTC (a fol.98 et seq. tal-process verbal)

Spettur Paul Camilleri kkonferma li l-Pulizija gew informati li sehhet kollizzjoni f'Great Siege Road, Valletta, u li kien hemm nies feruti. Il-kollizzjoni grat bejn karozza HAH 294

misjuqa minn Raymond Gerada u Peugoet CAC 483 misjuqa mill-imputat, Geoffrey Fenech. Flimkien ma' l-imputat, bhala passeggier kien hemm George Frendo u Joseph Brincat. Spettur Camilleri xehed (a fol.37) illi Gerada kien f'perikolu imminenti li jitlef hajtu waqt li l-imputat ukoll kien fil-perikolu tal-mewt.

Giet imsejjha inkjesta u nominati diversi esperti.

Fil-24 ta' April, il-Pulizija gew informati li Gerada miet.

Jesmond Cilia, *staff nurse* ta' l-ITU (fol.39) ikkonferma il-hin tal-mewt ta' Gerada.

Joseph Brincat (a fol.42 et seq.) xehed illi huwa u l-imputat iltaqghu go hanut il-Belt ghall-ikel. Meta spiccaw, dahal fil-karozza ta' l-imputat, fuq in-naha ta' wara u kulma ftakar mill-incident, kien li ra xi haga bajda gejja ghal fuqhom. Qal li dak il-hin kien qed jqabbad sigarett. Sforz ta' l-impatt, Brincat qasam il-*bridge* ta' mniehru u kellu bzonn il-punti kif kellu bzonn il-punti f'saqajh. Joseph Brincat ikkonferma (a fol.45) li l-imputat kien is-sewwieq tal-vettura.

Fit-tieni xhieda tieghu, Joseph Brincat, ma kienx ghamel l-indagni mill-*files* ta' l-isptar sabiex jigi stabbilit kellux ksur fl-ghadam ta' l-imnieher.

Luciano Galea (a fol.56 et seq.) ikkonferma illi huwa kien passiggier wara d-*driver* fil-karozza Metro MG, misjuqa minn Raymond Gerada li kien ser jtih *lift* sal-Belt.

**Waqt li kienu nizlu minn triq ta' l-Excelsior fid-dawra giet Peugoet hamra, "b'hafna dawl go fina." (a fol.57). Galea xehed li kien ghajjat "Ar'hemm Ray." U Raymond ha *evasive action* lejn in-naha tal-bahar pero' "dan baqa' gew go fina." (ara fol.57) Galea xehed illi f'dan l-incident huwa kien wegga' rkobbtejh. Galea xehed li Raymond kien miet aktar tard fl-isptar u li martu wkoll kienet midruba.**

Joseph Brincat (a fol.62) ezebixxa certifikat mediku tieghu Dok.X (a fol.64, 65)

Adrian Marchett (a fol.64A) xehed illi huwa kien il-Belt f'hanut "Banana *Take Away"*, Marsamxett, flimkien ma' Geoffrey Fenech. Xehed li ma kienux xorbu *drinks* alkoholiku. Qal li hu telaq bil-karozza tieghu qabblu, pero' x'hin wasal fil-pompa tal-petrol hdejn il-*Phoenicia* u ma rahx, dar lura u sab l-*accident*. Marchett xehed li kien hemm nies imwegga' f'dan l-incident u li kien informa lil hu l-imputat bil-kollizjoni.

Professoressa M'Therese Camilleri, ikkonfermat il-*post mortem report* (Dok.MTC fol.98)

A fol.79 sa fol.81, Ex Spettur Gaetano Walter ikkonferma r-rapport tieghu (fol.8 tal-process verbal).

George Frendo (a fol.82) kkonferma li kien f'hanut il-Belt ma' l-imputat u kienu xtraw xi haga ta' l-ikel u xorb. Mitlub jghid kemm-il birra kkonsmaw irrisponda:

***"Jiena ma kontx ilni nixrob, ma konniex ilna nixorbu…imma mhux hafna…mhux jigifieri li tkun fis-sakra."*** (fol.83)

George Frendo xehed illi huwa kien rikeb fil-*front passenger seat*. Meta gew ghal kurva:

*"Rajt karozza niezla u jiena lil Geoffrey ghidtlu "Ar'hemm ghax dan ghal go fina." u mbaghad ma niftakarx izjed."*

F'dan l-incident, Frendo indarab, kiser idu u wegga' halqu. Xehed li baqa l-isptar ma Geoffrey ghax kien fl-ITU. Frendo kkonferma (a fol.86) li kien l-imputat li kien jsuq meta gara l-incident. Qal li l-imputat kien jsuq bi *speed* "*normali*,"…"*mhux bis-sahha*." Wara domandi repetuti fuq *speed*, Frendo (a fol.87) jghid illi l-imputat kien ghaddej b'30, 40. Moqrija x-xhieda tieghu fl-inkjesta u kkonfermaha. F'din ix-xhieda, **Frendo kkonferma li hu kien ikkonsma hames (5) flixken birra** u li x'hin qal

hekk, il-karozza (ta' Geoffrey) kwazi waqqafha. Zgur illi ma zammx *brake* qawwi. (fol.88)

Dr. Frank Bartolo (fol.112 et seq.) ezebixxa Dok.XY, certifikat mediku ta' Raymond Gerada.

L-imputat ikkonferma x-xhieda tieghu fl-inkjesta (fol.77 tal-process verbal). Xehed illi huwa ma kienx mghaggel dakinhar u **li kien ikkonsma erbgha' (4) birra**. Xehed li kif kien niezel *Great Siege Road*, "*Kif ha naqbad it-telgha fil-kisra ezatt nara dawl qawwi gej u speci qisha karozza, u fis-siegha u l-hin bdejt nghid 'ghal go fina, ghal go fina' u smajt bum*."

Mitlub jispjega kif il-karozza tieghu qabzet is-*central continuous white line*, l-imputat jghid, "*Lanqas kien hemm line sa fejn naf jiena*." L-imputat xehed li wara li hareg mill-isptar mar fil-post ta' l-incident u sab, "*hafna tikek imhaffrin fit-tarmac*" (fol.127)

L-imputat xehed li ghalih, hu kien fuq il-*proper side* tieghu, u li seta' wasal ghal post fejn waqfu il-karozza minhabba li l-karozza tkaxkret mad-daqqa forsi. Xehed li sa kemm kien fin-nizla ta' *Great Siege Road*, kellu l-*brake* taht saqajh izda kif qabad it-tela wara l-liwja, ghafas il-*gas*.

Mitlub jghid f'liema *gear* kien qieghed fil-hin ta' l-incident, **l-imputat jghid li kien f'*top gear*'** (fol.128). Fenech ikkonferma illi hu kien indarab b'mod serju u fil-fatt nzamm fl-ITU.

Jinnega li l-karozza fil-liwja ghamlet xi moviment, anzi, jafferma:

***"Bqajt sod jien bl-isteering f'idi…Le ma harbitx."* (minn wara l-karozza).** (ara fol.129)

L-imputat xehed illi l-kawza civili ghad-danni giet deciza u l-armla ta' Gerada nghatat il-kumpens. In kontro ezami, **l-imputat rega' gie mistoqsi fuq liema *gear* kien u ghalkemm ikkonferma li l-karozza tieghu kellha 5$^{th}$ *gear*, jafferma li kien qieghed 4$^{th}$ *gear*.**

Joseph Brincat (a fol.134) hafer l-imputat u rrinunzja ghall-azzjoni kriminali.

Anthony Savona (a fol.137) ikkonferma li l-*insurance* hallset lil Pauline Gerada s-somma ta' 156,068.02 Euro (ekwivalenti ghal Lm67,000).

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi fuq indikati, jirrizulta ampjament illi l-imputat u l-vittma, illum il-mejjet Raymond Gerada, kienu qeghdin isuqu wara li kkonsmaw xorb alkoholiku. Jirrizulta pprovat illi Gerada kien f'tieg u kien ha almenu hames (5) *drinks*, waqt li l-imputat jammetti fix-xhieda tieghu moghtija fl-inkjesta illi kien ha xi erba' (4) birra. Madanakollu l-vittma ta' dan l-incident kien qieghed isuq fuq il-*proper side* tal-karreggjata tieghu bi *speed* normali u kien l-imputat illi, addirittura, mar fuq il-karreggjata opposta, qasam il-*continuous white line* u sehhet *collision head-on*.

L-imputat iddikjara fix-xhieda tieghu, fl-inkjesta u anka quddiem din il-Qorti illi huwa kien ghaddej bi *speed* baxx u li kien kwazi waqaf qabel ma gara l-impatt.

Ikkonsidrat:

Illi d-dinamika ta' l-incident ma tikkonvedix ma' dak illi qieghed jallega l-imputat u dana johrog car mir-ritratti ta' l-incident illi juru l-*Peugoet* l-hamra misjuqa mill-imputat fuq il-karreggjata opposta, mhux biss biz-zewg roti ta' quddiem, izda bir-rota ta' wara kwazi tmiss mal-*continuous white line*. Illi, di piu', il-hsarat estensivi fuq iz-zewg karozzi huma indikazzjoni cara ta' l-*ispeed* tal-karozzi jew almenu ta' wiehed minnhom.

Hija l-fehema ta' din il-Qorti illi l-kaguni ewlenin ta' din il-kollizzjoni kienu tlieta:

a). Illi l-imputat avvicina liwja skabruza fi *Great Siege Road,* Valletta, waqt li kien qed isuq fil-*4th gear,* illi m'huwiex addattat "*for the safe negotiation of a sharp bend"*.

b). Il-fatt illi l-imputat kien ikkonsma almenu erba' (4) flixken birra ftit qabel ma beda isuq, ixekkel ir-riflessi tas-sewwieq.

c). Il-fatt illi l-imputat kien ghaddej bi *speed* ferm aktar qawwi minn dak li sewwieq prudenti juza meta javvicina liwja skabruza.

Kif xehed l-istess imputat quddiem din il-Qorti, l-imputat, meta wasal ghal liwja li hemm f'*Great Siege Road*, **ma hasibx minn qabel biex iwaqqa' l-*gears* tieghu** sabiex il-karozza **tibqa' taht il-kontroll assolut** tieghu meta tigi biex tinnegozja dik il-liwja skabruza. In fatti, din il-Qorti staqsiet lill-imputat, ripetutament, fuq il-*gears* illi kien qieghed fihom meta wasal ghal-liwja u l-imputat baqa jishaq illi l-karozza kienet in *top gear* u mistoqsi ulterjorment, jghid illi kien qieghed fuq il-*4th gear*. Illi dan l-istat ta' fatt, flimkien ma' l-fatt illi x-xorb illi kien ikkonsma l-imputat itendi biex jirritardja r-riflessi ikkontribwixxa ghad-dinamika ta' dan l-incident. Illi, in oltre', din il-Qorti hi tal-fehema illi l-imputat Geoffrey Fenech ma avvicinax din il-liwja skabruza bl-*ispeed* illi sewwieq prudenti jaf illi ghandu japplika f'dawk ic-cirkostanzi. Il-hsarat konsiderevoli taz-zewg vetturi hija evidenza cara ta' l-*ispeed* illi biha sar l-impatt. L-*ispeed* illi bih kien qed isuq l-imputat, flimkien mal-fatt illi l-imputat ma kienx qieghed isuq fil-*gear* propizju ghal-liwja fuq indikata, kienu l-fatturi ewlenin u approssimi li taw lok ghal din il-kollizzjoni waqt li l-fatt illi l-imputat kien ukoll ikkonsma l-*alcohol* ma ghinet xejn biex jgheleb *"the self inflicted handicaps"* (ta' *speed* eccessiv fic-cirkostanzi ta' liwja u *gear* zbaljat) u minflok xekkel ir-riflessi ta' l-imputat bhala sewwieq.

Illi minn naha l-ohra, din il-Qorti ma tistax ma tippronunzjax bhala fatt stabbilit illi anke **l-vittma ta' dan l-incident kien qieghed isuq wara illi kien ikkonsma xorb alkoholiku**. Illi minkejja dan il-fatt, pero', l-vittma

baqa' jsuq fuq il-*proper side* tieghu fil-karreggjata illi fiha kien qieghed isuq u x'aktarx anke pprova jiehu *evasive action* billi kiser fuq in-naha tal-bahar. Jibqa' pero' il-fatt illi l-kunsum ta' xorb alkoholiku da parti tal-vittma wkoll xeklitlu r-riflessi tieghu.

Illi l-Qorti hi tal-fehema illi s-sewqan ta' l-imputat, jikkwalifika taht sewqan traskurat u mhux dak perikoluz.

Illi l-Qorti rat ic-certifikati medici tal-vittmi l-ohra ta' l-incident u n-natura tal-griehi taghhom u taghraf illi l-Prosekuzzjoni pprovat il-kaz taghha bla dubju dettat bir-raguni.

Meta giet biex tikkonsidra l-piena, l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat gie mixli bl-akkuzi kif dedotti qabel l-amendi ricenti fil-Kodici Kriminali ghal dak illi jirrigwarda Artikolu 225 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant, fi zmien citat fl-akkuza, l-piena ghal omicidju involontarju kien ta' massimu ta' sentejn prigunerija u mhux il-piena kif illum stabbilita.

Illi, in oltre', l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat, Geoffrey Fenech, ghandu fedina penali netta u li **qatt** kellu xi precedenti ghal dak illi jirrigwarda ta' sewqan traskurat.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-kwerelant Joseph Brincat hafer lill-imputat.

In oltre', l-Qorti qieset il-fatt li f'dan l-incident miet tragikament Raymond Gerada, ta' 37-il sena, ragel mizzewweg u missier ta' zewgt itfal, apparti griehi ta' natura gravi fuq passiggieri.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat, Geoffrey Fenech, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 225, 226(1)(a), 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal ghoxrin xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin waqt li tissospendi licenza tas-sewqan tieghu ghal perijodu ta' sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------